# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru: 9**

**Rikors Numru: 746/10 GC**

**Irene Farrugia**

**v.**

**Koperattiva Ricevituri tal-Lottu u**
**Lotto Receivers Union**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Novembru 2012 li permezz taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu huwa talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija (hlief ghall-parti fejn illiberat lill-Union konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju) u minflok tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici fl-interezza taghhom u tichad l-eccezjonijiet tal-Koperattiva konvenuta, bl-ispejjez kontra l-konvenuta appellata.

Rat ir-risposta tal-appellata li permezz taghha wara illi irrespingiet l-aggravji tal-appellanti fir-rigward tas-sentenza msemmija talbet il-konferma tas-sentenza;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:-

> "Il-Qorti
>
> "Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Irene Farrugia fejn gie premess:-
>
> "Illi hija 'self employed' u tiggestixxi l-banka tal-lottu bin-numru 'L.O. 100' bhala ricevitur tal-lottu sitwata fil-Kazin ta' San Guzepp fil-pjazza ta' Haz-Zebbug u dana bi ftehim kemm mal-amministrazzjoni tal-istess Kazin, kif ukoll mal-kumpanija Maltco Lotteries Limited.
>
> "Illi l-intimati huma Ghaqdiet li fihom jippartecipaw ir-ricevituri tal-lottu b'mod volontarju.
>
> "Illi r-rikorrenti ghamlet ftehim mal-intimati datat 15 ta' Lulju 2005 (Dok 'A') li hu l-unika ftehim u relazzjoni legali li ghandha llum mal-intimati u f'liema ftehim hemm imnizzel li r-rikorrenti ghandha zzomm tali banka sad-data tal-irtirar taghha.
>
> "Illi r-rikorrenti tirrileva li hija bhala 'self employed' u armla m'ghandha l-ebda intenzjoni li tirtira ghalkemm l-intimati jew min minnhom talbuha lura l-imsemija banka tal-lottu operata minnha halli din tigi assenjata minnhom lil haddiehor.

“Illi r-rikorrenti ikkontestat dan ghaliex l-intimati jew min minnhom m’ghandhom l-ebda jedd skond il-ligi illi jimponu dan fuq ir-rikorrenti qua ‘self employed’ u dana anke meta hija ghandha ftehim kemm mal-amministrazzjoni tal-Kazin suindikat u anke mal-Maltco Lotteries Limited illi kulhadd qed jonorah u meta dawn iz-zewg entitajiet ma waqqfux lir-rikorrenti milli tkompli topera.

“Illi minhabba l-fatt li l-intimati jew min minnhom baqghu jinsistu bil-qawwa illi r-rikorrenti ghandha taghti lura l-operat ta’ din il-banka tal-lottu meta huma m’gahndhom l-ebda jedd skond il-ligi li jaghmlu dan, ir-rikorrenti talbet il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1001-2010-RCP liema talba tar-rikorrenti intlaqghet nhar it-8 ta’ Lulju 2010.

“Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellha tressaq din il-kawza.

“Illi r-rikorrenti taf b’dawn il-fatti suindikati personalment.

“Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li l-intimati jew min minnhom m’ghandu l-ebda jedd milli jwaqqfu lilha milli tkompli topera l-banka tal-lottu gestita minnha suindikata, li l-intimati ma kellhom l-ebda jedd skond il-ligi illi jidhlu fil-ftehim datat 15 ta’ Lulju 2005, li r-rikorrenti ma kisret l-ebda ftehim mal-intimati jew min minnhom, li r-rikorrenti ghandha kull jedd li tibqa’ topera l-banka tal-lottu suindikata u li din il-Qorti tordna li jibqghu fis-sehh b’mod perpetwu l-effetti tal-mandat t’inibizzjoni ottenut mir-rikorrenti numru 1001-2010-RCP deciz nhat it-8 t’ Lulju, 2010.

“Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Koperattiva Ricevituri tal-Lottu (KRL) Limited fejn gie sottomess:-

“Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi kif sejjer jigi ppruvat matul is-smiegh tax-xhieda u t-trattazjoni tal-kaz, dawn huma nfundati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

“Illi l-Koperattiva Ricevituri tal-Lottu (KRL) Ltd, bhala l-koperattiva li tigbor fi hdana l-maggor parti tar-ricevituri kollha tal-lottu, ghandha l-funzjoni fost affarijiet ohra illi tamministra t-tmexxija tal-banki tal-lottu tal-istess ricevituri u tassenja l-operat ta’ dawk il-banki tal-lottu li jigu vakati, lil ricevituri ohra abbazi tas-sistema ta’ seniority. Ghalhekk, kif sejjer jigi ppruvat ahjar matul il-kors tal-kawza, l-istess Koperattiva kellha kull dritt tidhol fil-ftehim datat 15 ta’ Lulju 2005 u ftehim iehor sussegwenti mar-rikorrenti (li accettat b’mod volontarju u minghajr rizervi) sabiex tirregola t-tmexxija tal-banka tal-lottu numru 100 fil-Kazin San Guzepp, St. Philip Square, Zebbug, liema ftehim gie miksur mir-rikorrenti.

“Illi abbazi tal-ftehim datat 15 ta’ Lulju 2005 u ftehim iehor sussegwenti milhuq bejn il-partijiet, il-Koperattiva ghandha kull dritt illi twaqqaf lir-rikorrenti milli tkompli tiggestixxi l-operat tal-banka in kwistjoni.

“Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1001/10RCP.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-intimati Koperattiva Ricevituri tal-Lottu (KRL) Limited debitament konfermata bil-gurament.

“Rat ir-isposta guramentata tal-intimati Lotto Receivers Union fejn gie eccepit li huma ghandhom jigu liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m’ghandhom ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti.

“Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1001/10RCP.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-istess intimati Lotto Receivers Union debitament konfermata bil-gurament.

“Rat l-affidavit tar-rikorrenti u l-affidavit ta’ bint ir-rikorrenti Annabelle Farrugia prodott mir-rikorrenti.

“Rat id-dikriet taghha tal-29 ta’ Novembru 2010 li bih gie ordnat li jigu allegati l-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 1001/10 RCP.

“Rat l-imsemmija atti tal-mandat ta’ inibizzjoni.

“Semghat lix-xhieda Dr. Alison Mifsud, Bernard Zarb u Joseph Cocker ilkoll imsejjhin mir-rikorrenti.

“Rat l-affidavit ta’ Alfred Muscat li hu l-President attwali tal-Koperativa intimata, liema affidavit gie prodott mill-istess Koperativa.

“Semghat lill-imsemmi Alfred Muscat imsejjah mill-intimati.

“Semghat lix-xhieda Martin Hili, Jacqueline Diacono u Dr. Alison Mifsud imsejjhin mill-intimati.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

“Rat in-nota ta’ osservazzjoniiet responsiva tal-intimati Kooperativa Ricevituri tal-Lottu (KRL) Limited.

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tal-intimati Lotto Receivers Union.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha li gew esibiti.

“Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

“Ikkonsidrat:-

“**Rikors promotur u talbiet tar-rikorrenti**

“Jirrizulta li r-rikorrenti Irene Farrugia ilha zmien topera bhala ricevitur tal-lottu u ggestixxi dan in-negozju fil-banka tal-lottu numru 100, li hi sitwata fil Kazin ta’ San Guzepp fil-pjazza ta’ Haz-Zebbug. Ir-rikorrenti tiddeskrivi lilha nnifisha bhala “self emolyed” u tirritjeni li l-imsemmija gestjoni hi l-frott ta’ ftehim kemm mal-amministrazzjoni tal-imsemmi Kazin, kif ukoll mal-kumpanija Maltco Lotteries Limited. Ir-rikorrenti, fir-rikors promotur tirreferi ghal ftehim wiehed biss mal-intimati, liema ftehim hu datat 15 ta’ Lulju 2005 (Dok ‘A’) u li, skond ir-rikorrenti, hu l-unika ftehim li jirregola r-relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati. Ir-rikorrenti tirrileva li fl-imsemmi ftehim hemm indikat li hi ghandha zzomm l-imsemmija banka sad-data tal-irtirar taghha.

“Ir-rikorrenti ddikjarat li, fil-kondizzjoni attwali taghha ta’ armla, m’ghandha l-ebda intenzjoni li tirtira. Nonostante dan il-fatt l-intimati, jew min minnhom, qed jitolbuha li trodd lura l-banka sabiex din tkun tista tigi assenjata minnhom lil terzi. Ir-rikorrenti qed tikkontesta din it-talba tal-intimati u f’dan ir-rigward tinsisti li l-intimati m’ghandhomx dritt legali li jimponu dak li jridu fuq ir-rikorrenti anke in vista li hi “self employed.” Ir-rikorrenti tfakkar li l-partijiet kollha fl-imsemmija ftehim mal-amministrazzjoni tal-Kazin kif ukoll mal-Maltco Lotteries Limited qed jonoraw l-obbigi kollha taghhom li johorgu minn kull ftehim rispettiv.

“Fuq dawn il-premessi r-rikorrenti qed titlob li fl-ewwel lok jigi dikjarat li l-intimati jew min minnhom m’ghandhom l-ebda jedd li jwaqqfuha milli tkompli topera l-banka tal-lottu gestita minnha suindikata, fit-tieni lok li jigi dikjarat li l-intimati ma ghandhom l-ebda jedd skond il-ligi li jidhlu fil-ftehim datat 15 ta’ Lulju 2005, fit-tielet lok li jigi dikjarat li r-rikorrenti ma kisret l-ebda ftehim mal-intimati jew min minnhom, li, fir-raba lok jigi dikjarat li r-rikorrenti ghandha kull jedd li tibqa’ topera l-banka tal-lottu suindikata u finalment li jigi ordnat li jibqghu fis-sehh b’mod perpetwu l-effetti tal-mandat t’inibizzjoni numru 1001-2010-RCP ottenut mir-rikorrenti fit-8 ta’ Lulju, 2010.

“**Eccezzjonijiet**

“Ghall-imsemmija talbiet l-intimati Koperattiva Ricevituri tal-Lottu (KRL) Limited irrispondew li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfundati fil-fatt u fid-dritt billi l-Koperattiva esponenti tigbor fiha kwazi r-ricevituri tal-lottu kollha u

wahda mill-funzjonijiet taghha hi li tamministra t-tmexxija tal-banki tal-lottu f'Malta u li tassenja l-operat ta' dawk il-banki tal-lottu li jkunu vakanti lill-ricevituri ohra skond kriterji stabbiliti. Kwindi l-koperativa intimata kellha kull dritt tidhol fil-ftehim datat 15 ta' Lulju 2005 kif ukoll fi ftehim iehor sussegwenti fejn ukoll, skond l-intimati, r-rikorrenti accettat, minghajr rizervi, li t-tmexxija tal-banka tal-lottu in kwestjoni tkun regolata. Il-Koperattiva intimata issostni li r-rikorrenti kissret dan l-ahhar ftehim. F'dan ir-rigward l-istess Koperattiva ssostni li ai termini tal-ftehim datat 15 ta' Lulju 2005 u tal-imsemmi ftehim l-iehor sussegwenti, hi ghandha kull jedd li twaqqaf lir-rikorrenti milli tkompli tiggestixxi l-banka in kwistjoni.

"L-intimati l-ohra Lotto Receivers Union eccipew li ma tesisti ebda relazzjoni guridika bejnhom u r-rikorrenti u konsegwentement huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"**Dikjarazzjonijiet separati taz-zewg intimati**

"Fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom l-intimati Koperattiva Ricevituri tal-Lottu (KRL) Limited jaghmlu referenza ghall-artikolu 36 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta. Bazikament dan l-artikolu jipprovdi dwar min jista jkun awtorizzat li jbiegh il-loghob li jaghmel parti mill-lotterija nazzjonali bhal loghob tal-lottu. Skond dawn il-provedimenti min irid ibiegh tali loghob ghandu l-ewwel jottjeni awtorizzazzjoni jew permess biex ikun jista jbiegh tali loghob mill-Awtorita' kompetenti li hi l-"Lotteries and Gaming Authority." Fit-tieni lok ghandu jigi accettat u appuntat bhala agent jew distributor minn min hu licenzjat mill-lotteriji nazzjonali biex imexxi l-istess loghob u din hi s-socjeta' kummercjali Maltco Lotteries Limited. Il-koperattiva intimata tinsisti li hi bhala l-koperattiva li tigbor fi hdana l-maggor parti tar-ricevituri tal-lottu, ghandha l-funzjoni li tamministra t-tmexxija tal-banki tal-lottu u li tassenja banki tal-lottu vakanti lil ricevituri ohra skond kriterji stabbiliti.

"Hu importanti li jigi nnotat li l-Koperattiva intimata ma setghatx ticcita jew tispecifika ebda ligi li takkordalha dawn l-allegati funzjonijiet. Kwindi dak li qed issostni l-Koperattiva intimata li huma l-funzjonijiet taghha ma johrog minn ebda ligi. In effett l-istess koperattiva intimata tidher li hi ghaqda volontarja u ma jidhirx li hi regolata b'ebda ligi. F'dan ir-rigward ghalhekk l-istess koperattiva intimata taghmel referenza ghall-konswetudini u ghall-prassi, li skondha, hi definita u stabbilita. Dejjem skond l-istess prassi l-assenjazzjoni ta banka vakanti ssir minn fost dawk li huma konsidrati li huma ricevituri tal-lottu abbazi ta' "seniority" u cioe' skond min minnhom jkun gie appuntat bhala ricevitur tal-lottu l-ewwel.

"L-intimati in kwestjoni jaqblu li huma m'ghandhomx jigu konsidrati bhala s-sidien tal-banek tal-lottu ghaliex effettivament mhumiex tali sidien. In effett l-intimati jammettu li huma m'ghandhomx titolu fuq il-banek tal-lottu. L-intimati jergghu jirreferu ghall-prassi miftehma u li ilha tigi attwata "minn

dejjem" fis-sens li ebda sid ta' xi banka ma' jidhol fi ftehim ma xi ricevitur qabel ma' jkun hemm konferma mill-Koperattiva intimata li r-ricevitur in kwestjoni jkun intghazel mill-Koperattiva u jkun gie approvat mill-Maltco Lotteries Limited.

"Fl-istess dikjarazzjoni guramentata gie kkonfermat li l-banka tal-lottu in kwestjoni cioe' l-banka li ggib in-numru 100 kienet originarjament operata mir-ragel tar-rikorrenti, li llum hu mejjet, kwindi kien biss bhala "sinjal ta' buona fede" u f'dan ir-rigward gie dikjarat li l-Koperattiva intimata ghamlet eccezzjoni u minnflok innominat lil ricevitur skond il-prassi fuq indikata, ntghazlet ir-rikorrenti, li effettivament giet appuntata mill-Koperattiva intimata bhala ricevitur tal-lottu u dan skond l-imsemmi ftehim iffirmat mir-rikorrenti u l-Koperattiva intimata tal-15 ta' Lulju 2005.

"Il-Koperattiva intimata taghmel referenza ghall-ftehim iehor sussegwenti bejn l-istess partijiet. L-istess intimati pero' jammettu li dan il-ftehim sussegwenti qatt ma' gie redatt bil-miktub u wisq inqas ma gie ffirmat.

"Fid-dikjarazzjoni taghhom l-intimati Lotto Receivers Union ikkonfermaw bil-gurament li f'April 2005 huma infurmaw lill-Maltco Lotteries Limited li b'effett immedjat il-Koperattiva esponenti intimata u mhux il-Union intimata, kienet inkarigata li tamministra t-trasferimenti tal-banki tal-lottu vakanti. L-istess Union intimata tikkonferma ukoll li l-imsemmi ftehim tal-15 ta' Lulju 2005 sar bejn ir-rikorrenti u l-Koperattiva intimata u kwindi l-Union intimata ma' kienetx parti fl-istess ftehim.

"**Fatti**

"Jirrizulta li l-banka tal-lottu in kwestjoni kienet registrata f'isem ir-ragel tar-rikorrenti li ghalhekk kien ir-ricevitur tal-lottu registrat. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti kienet tghin lil zewgha fil-gestjoni tal-istess banka. Sfortunatament ir-ragel tar-rikorrenti miet u ghalhekk ir-rikorrenti talbet lill-Koperattiva intimata u lill-Union intimata biex tkompli hi topera l-imsemmija banka tal-lottu. Minn dan il-fatt jirrizultali kienet l-istess rikorrenti li rrikonoxxiet li l-intimati jew min minnhom kellhom il-jedd li jassenjawlha t-tmexxija tal-banka.

"Jidher li t-tmexxija tal-imsemmijin intimati Koperattiva u Union kienet fdata f'idejn l-istess nies u b'hekk kien gie deciz miz-zewg intimati li l-funzjonijiet li kienet taqdi l-Union kellhom jibdew jisiru mill-Koperattiva in partikolari ghal dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni tal-banek tal-lottu li jkunu gew vakanti. It-talba tar-rikorrenti giet milqugha mill-intimati u b'hekk il-Koperattiva nnominat lill-istess rikorrenti biex din iggestixxi l-banka li kienet operata mir-ragel taghha. Din in-nomina giet ukoll konfermata mal-Maltco li, kif intqal, kienu licenzjati biex imexxu l-loghob tal-lotteriji nazzjonali u kwindi inkluz il-loghob tal-lottu flimkien ma hafna loghob iehor simili. Qabel ma r-rikorrenti giet accettata mill-Maltco l-istess rikorrenti giet

approvata biex tbiegh l-imsemmi loghob mill-Awtorita' kompetenti u cioe' il-"Lotteries and Gaming Authority." Konsegwentement l-imsemmija Maltco appuntat lir-rikorenti bhala agent taghha u bhala distributur taghha.

"Jirrizulta li r-rikorrenti ggestixxi l-banka tal-lottu fl-imkien ma bintha. Jirrizulta ukoll li qabel ma bidet fil-gestjoni taghha r-rikorrenti ffirmat ftehim mal-Maltco Lotteries Limited fejn gie konfermat li r-rikorrenti setghet topera il-banka tal-lottu in kwestjoni minnghajr ma jidher li kien hemm xi terminu specifiku ffissat. Kienet ukoll saret speci ta' skrittura ffirmata mir-rikorrenti u mill-Koperattiva intimata bid-data tal-15 ta' Lulju 2005 fejn kien gie specifikat li r-rikorrenti kienet qed tinghata t-tmexxija tal-banka "sa l-eta' tal-pensjoni." Gie inoltre specifikat li - "Ghalhekk din il-banka ma tistax tinzamm ghall-aktar mid-data tal-irtirar tieghek."[1]

"F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li, skond l-imsemmija iskrittura tal-15 ta' Lulju 2005 hi setghet tibqa tmexxi il-Banka sad-data tal-irtirar taghha u cioe' sa meta hi tiddeciedi li tirtira. Inoltre r-rikorrenti, fl-affidavit taghha, tikkonferma li hi ma ghamlet ebda ftehim iehor mal-Koperattiva intimata u li hi tikkonsidra lilha nnifisha bhala "self-employed" u kwindi l-Koperattiva intimata ma ghandha l-ebda setgha jew dritt twaqqafha mix-xoghol li hi qed taghmel fil-banka tal-lottu in kwestjoni.

"**Skrittura tal-15 ta' Lulju 2005**

"Fl-opinjoni tal-Qorti l-interpretazzjoni li qed issostni r-rikorrenti hi skorretta. In effett fl-imsemmija skrittura tal-15 ta' Lulju 2005 hemm stipulat li r-rikorrenti kienet qed tinghata t-tmexxija tal-banka "sa l-eta' tal-pensjoni." M'hemmx specifikata data meta r-rikorrenti kienet ser tispicca mit-tmexxija, hemm semplicement specifikat li r-rikorrenti kienet ser tmexxi l-banka sal-eta' tal-pensjoni. Ma hemmx dubju li l-eta' tal-pensjoni kienet tirreferi ghad-data meta r-rikorrenti kienet tilhaq l-eta' li, skond il-ligi, hi kienet intitolata li tiehu pensjoni minnghand il-Gvern. Hu evidenti li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Fil-fatt gie specifikat li r-rikorrenti ma setghetx izzomm il-banka oltre d-data tal-irtirar taghha. Forsi hi din il-frasi li holqot id-disgwid bejn il-partijiet. Il-kliem "oltre d-data tal-irtirar" jirreferu mhux ghad-data ta' meta r-rikorrenti tghazel li tirtira izda ghad-data meta r-rikorrenti tilhaq l-eta' meta tkun tista tibda tippercepixxi l-pensjoni minnghand il-Gvern.

"Il-fatt li r-rikorrenti ssostni li hi "self-employed" ma ghandu ebda effett f'din il-vertenza stante li hemm l-imsemmi ftehim li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet jew ahjar bejn ir-rikorrenti u l-Koperattiva intimata. Ir-rikorrenti stess iddikjarat li ir-relazzjoni guridika bejnha u bejn l-intimata in kwstjoni hi semmai regolata esklusivament mill-ftehim tal-15 ta' Lulju 2005. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li ma hemm ebda ftehim iehor bejnha u l-

[1] Dokument 'A' – fol.5

istess intimate. In effett l-allegat tieni ftehim bejnil-partijiet minn imkien ma jirrizulta u ghalhekk bl-ebda mod ma jirrizulta pruvat.

“Formalment u legalment u skond ir-regolamenti l-intimati ma jidhlu xejn f’dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni tal-banek tal-lottu. Pero’ jidher li ghar-rigward tal-banek tal-lottu ‘antiki’ u cioe’ dawk il-banek kollha li kienu esistenti u operanti meta, f’nofs is-snin elfejn, giet in vigore l-privatazzazzjoni tal-loghob inkluz il-lottu l-intimati kellhom rwol u rritenew tali rwol fl-assenjazzjoni tal-imsemija banek. Jidher li l-procedura stabbilita qabel ma saret l-imsemmija privatizzazzjoni nzammet u kwindi jista jinghad li l-intimati ghandhom rwol fl-assenjazzjoni tal-banek in kwestjoni. Tali rwol kellu jitkompla jsir mill-intimati Koperattiva Ricevituri tal-Lottu. Jidher ukoll li dan ir-rwol gie accettat minn kull min hu involut b’mod partikolari mis-socjeta’ Maltco Lotteries Limited li hi l-entita’ licenzjata biex tmexxi l-loghob in kwestjoni. Kif gia gie rilevat gie ukoll accettat mir-rikorrenti meta talbet li hi tkompli fil-gestjoni tal-banka wara l-mewt tar-ragel taghha.

“Jirrizulta, f’dan ir-rigward, li f’diversi kazi l-Maltco imxiet fuq l-indikazzjoni jew ahjar fuq in-nomina li saret mill-Koperattiva intimata. Infatti rappresentant tas-socjeta’ Maltco kkonfermat li l-istess socjeta’ hasset li l-konferma mill-Koperativa intimata kienet necessarja ghar-rigward tal-process tar-rikonoxximent tar-rikorrenti bhala ricevitur billi kienet il-prattika li jkun hemm tali konferma mill-istess Koperattiva. L-istess xhud kompliet tghid li l-Maltco s’issa qatt ma dahlu f’xi ftehim ma’ ricevitur tal-Lottu gdid li ma kienx gie nominat mill-Koperattiva.

“Jidher inoltre li kien sar ftehim fit-2004 fejn il-Union intimata u Maltco kienu partijiet u fejn gie miftiehem li fir-rigward tal-banek tal-lottu esistenti u operanti fil-hin meta saret il-privatizzazzjoni tkun l-istess Union li thaddem l-allokazzjoni ta’ tali banek mentri fir-rigward tal-banek il-godda l-Maltco zammet id-dritt li taccetta jew ma taccettax l-applikazzjonijiet jew in-nomini sottomessi mill-Union. Sussegwentment twaqqfet il-Koperattiva intimata u sar ftehim iehor bejn il-Union u l-Maltco sabiex l-istess Koperattiva intimata tibda tamministra t-trasferimenti ta’ dawk il-banek tal-lottu ezistenti qabel il-privatizzazzjoni u li jsiru vakanti.

“Ir-rikorrenti ssostni li fil-ftehim li ghamlet mal-Maltco m’hemmx stipulat terminu sa kemm setghet tmexxi l-banka. Fl-isfond tal-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz dan il-fatt, anke jekk hu minnu, hu irrilevanti ghall-finjiet ta din is-sentenza. Il-meritu tal-presenti vertenza hi r-relazzjoni guridika li hemm esistenti bejn ir-rikorrenti u l-Koperattiva intimata. Jirrizulta, kif del resto ssostni r-rikorrenti, li tali relazzjoni hi regolata biss mill-imsemmija skrittura tal-15 ta’ Lulju 2005. Ghalhekk li hu rilevanti hawnhekk hi l-interpretazzjoni tal-kliem uzat fl-istess skrittura u, kif gia nghad, dan il-kliem ifisser li r-rikorrenti kellha tibqa tmexxi l-banka

sakhemm tilhaq l-eta’ li tkun tista tibda tippercepixxi l-pensjoni tal-Gvern. L-imsemmija skrittura giet iffirmata volontarjament mill-partijiet.

“Lanqas ma hu rilevanti l-fatt li hemm l-awtorizzazzjoni ta’ l-imsemmija Awtorita’ sabiex ir-rikorrenti tmexxi n-negozju li jsir fil-banka. Il-prassi stabbilita hi li l-Koperattiva intimata tinnomina l-isem tal-persuna li, skond hi, ghandha tmexxi banka partikolari u li l-Maltco, li hi licenzjata biex tmexxi l-loghob kollu li jaqa taht il-lotterija nazzjonali, generalment timxi fuq tali nomina. Jista jinghad li din hi prassi stabbilita peress li s’issa l-Maltco dejjem ghadet fuq in-nomina tal-Koperattiva. Inoltre jirrizulta ukoll li l-Koperattiva tghamel tali nomina fuq kriterji li huma ben stabbiliti u li jidher li huma accettati minn kullhadd. B’dan il-mod ir-ricevituri tal-lottu huma ukoll tutelati peress li jidher li l-istess ricevituri huma konsapevoli tal-mod kif jitqassmu l-banek li jigu vakanti. F’dan ir-rigward jista jkun hemm aktar garanzji jekk dawn ir-regoli jigu ccarati u jsiru bil-miktub u jitqassmu lill-membri kollha tal-Koperattiva, li b’dan il-mod isiru jafu esattament x’jigri meta banka ssir bi kwalunkwe mod vakanti.

“Inoltre hu lampanti li dak li hu regolat mill-imsemmija prassi mhux regolat minn xi ligi. Jista jinghad ghalhekk li hemm “lacuna” fil-ligi u ghalhekk il-prassi ghandha il-forza ta’ ligi. Hu ukoll car u lampanti li l-prassi tesisti u jirrizulta ukoll li ilha tesisti ghal zmien pjuttost twil. F’dan ir-rigward jista jinghad li l-“cosi detta” privatizzazzjoni ma biddlet xejn fir-rigward tal-istess prassi. L-unika haga li tbiddlet kienet li bi ftehim ir-rwol li qabel kienet tghamel il-Union issa bidet tghamlu l-Koperattiva.

“Jirrizulta ukoll li dan gie accettat minn kull min hu interessat b’mod partikolari mill-Maltco. Xejn aktar ma tbiddel inkluz il-mod kif kienu jintghazlu r-ricevituri li kellhom jimlew il-post vakanti. Jidher li l-privatizzazzjoni gabet distinzjoni bejn il-banek “antiki” u dawk “godda” u l-prassi in kwstjoni tirreferi ghal dawk “antiki.”

“Fir-rigward ta’ wahda mis-sottomisjonijiet tar-rikorrenmti jinghad li ma hemm xejn li jista jindika li l-Maltco qed tikkonsidra l-banka in kwistjoni bhala wahda “gdida” u b’hekk l-imsemija prassi mhux applikabbli. In effett jirrizulta l-kuntrarju stante li l-Maltco, fil-kaz in esami, imxiet propju fuq din il-prassi u accettat in-nomina ta’ isem ir-rikorrenti liema nominasaret mill-Koperattiva.

“In vista ta dak kollu li gie premess jirrizulta li l-Koperattiva ghandha l-jedd li twaqqaf lill-rikorrenti milli tkompli topera l-banka tal-lottu in kwestjoni. Ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward tal-ftehim tal-15 ta’ Lulju 2005. Tali ftehim gie ffirmat mill-partijiet u fuq il-principju ta’ “pacta sunt servanda” dak li gie miftiehem mill-partijiet fl-imsemmi ftehim jorbot lill-istes partijiet u ghalhekk ir-rikorrenti ghanha tivvaka l-banka in kwestjoni eta malli tilhaq l-eta’ meta tista tibda tippercepixxi l-pensjoni. Jirrizulta ukoll li ma hemm ebda relazjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-Union intimata u kwindi l-

> eccezzjonijiet tal-Union intimata jimmeritaw li jigu akkolti u b'hekk l-istess Union ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "Ghal dawn il-motivi kollha:-
>
> "Tiddecedi, fit-temini u fil-limiti ta' dak li intqal fil-presenti sentenza, billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-Koperattiva intimata u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-istess Koperattiva intimata. Fit-tielet lok billi tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-Union intimata u b'hekk tillibera lill-istess Union mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "Spejjez kollha kontra r-rikorrenti."

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell billi ghamlu riferenza ghall-atti;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-ATTRICI**

L-ewwel aggravju tal-attrici huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieh fuq l-iskrittura bejn il-kontendenti biex tasal ghad-decizjoni taghha. Tghid ukoll li f'suq liberalizzat ma jfissirx li l-koperattiva appellata ghandha l-fakolta` li tassenja l-banek tal-lottu.

Illi bhala linja generali jinghad illi l-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 jistipula illi:-

> "**1002.** Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:-

> "“*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – “**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines”**).”

Illi tkompli tghid din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn appena citata li:-

> “Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu” **(Vol. XXXIV, P. III., p. 746)**.

Illi *inoltre* gie deciz illi:-

> “Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet” (**Vol. XXIV, P. I., p.27**) (ikkwotata fis-sentenza **“Beacom vs Spiteri Staines”** – ibid; **“Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni” –** P.A 12 ta' Lulju 2001; **“Anton Spiteri vs Alfred Borg”** – P.A. 30 ta' Novembru 2000; **“Emanuel Schembri vs Leonard Ellul, 30 ta' Ottubru 2001. “General Cleaners Company Limited vs Accountant General” –** P.A. – 29 ta' Novembru 2001).

Fil-kaz in ezami ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-pozizzjoni tal-attrici li l-ewwel Qorti kellha prattikament tiskarta l-iskrittura bejn il-partijiet. Dik l-iskrittura ikkristallizzat ir-rapport guridiku bejn il-partijiet u kwindi l-vertenza kellha necessarjament tigi deciza a bazi ta' dak li inftiehem bejniethom. Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-iskrittura u cioe` li l-attrici kellha tirrilaxxa l-operat tal-banka malli taghlaq l-eta` tal-pensjoni – fil-kaz taghha meta ghalqet is-sittin sena u ma tistax tinterpreta l-frazi "sa l-eta` tal-pensjoni" li tfisser sakemm tiddeciedi li tirtira hi. Kienet indubbjament l-intenzjoni tal-partijiet li l-kuntratt jigi terminat meta hija taghlaq l-eta` pensjonabbli.

Lanqas ma jregi l-argument li fis-suq liberu l-konvenuti ma kellhom ebda setgha jassenjaw jew jallokaw il-banek tal-lottu. Dan ghaliex l-appellanti ma tistax taghmel dan l-argument meta fl-istess waqt hija stess qed tgawdi mill-allokazzjoni li saritilha mill-Koperattiva appellata. F'kull kaz, din il-kwistjoni ma tirrigwardjax l-appellanti. Hija dahlet fil-pussess tal-banka tal-lottu bis-sahha ta' dak il-ftehim li gia` ssemma' u kull dritt li kellha huwa regolat mill-istess ftehim li jghid ukoll li "wara din id-data s-sinjura Farrugia ghandha tirritorna din il-Banka lill-Koperattiva".

Stabbilit dan ma hemmx lok li din il-Qorti tittratta z-zewg aggravji l-ohra tal-appellanti li jirrigwardjaw dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-ezistenza

ta' prassi kummercjali f'sitwazzjonijiet bhal din. Immaterjalment kenitx tezisti xi prassi ma hemmx dubbju f'ghajnejn il-ligi u din il-Qorti li l-appellanti kellha l-obligu li tirritorna l-pussess tal-banka msemmija skont il-ftehim imsemmi.

Kif inghad, ma sarx appell dwar il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-Union konvenuta li allura ghaddiet in gudikat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df